MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**AARON BUGEJA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Numru. 1159/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**Vs**
**Christian Mangion**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 20 ta` Novembru, 2013 fil-konfront ta` Christian Mangion ta` 30 sena iben Salvino u Frances xebba Vento, imwieled il-Birgu nhar id-19 ta` Lulju, 2013 u residenti numru 58, Triq Hilda Tabone, il-Birgu u detentur tal-karta tal-identita` numru 369783M.

L-imputat akkuzat illi:

Nhar id-19 ta` Novembru, 2013, ghal habta tal-10.00 ta` filghodu, fi Triq il-Miratur fil-Furjana;

1. Attakka u ghamel resistenza bil-vjolenza, jew hebb b`xorta li ma titqies bhala vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata mis-servizz pubbliku u cioe` dik ta` G603 Luiga Borda, filwaqt li hi kienet qieghda tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

2. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` G603 Luiga Borda f`periklu car, ikkagunalha hsara fil-gisem u fis-sahha, liema hsara hija ta` natura hafifa bi ksur ta` Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

3. Talli fl-istess data, hin, u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat min servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li jkun qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b`xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li bil-ligi jkun ordnat jew li jista` jaghmel u dan bi ksur ta` Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

4. Ukoll talli bl-imgieba tieghu fid-data u cirkustanzi imsemmija qabel kiser volontarjament il-bon ordni u l-kwiet pubbliku u dan bi ksur ta` Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

5. Il-Qorti hija gentilment mitluba li f`kaz ta` htija tikkonsidra lil Christian Mangion bhala recidiv u dan ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Prosekuzzjoni, seduta stante, irtirat l-addebitu tar-recediva fil-konfront ta` Christian Mangion stante illi minn dak li jirrizulta mill-fedina penali s-sentenza moghtija fil-konfront ta` Christian Mangion nhar it-28 ta` Mejju, 2013 kienet tirrigwarda imputazzjoni ta` natura kontravenzjonali u mhux ta` natura delittwali kif jirrizulta mill-istess fedina

penali minn fejn jidher li l-imputat kien gie misjub hati ta` ksur tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b`ghajjat u storbju; filwaqt li fis-sentenza tat-13 ta' Novembru 2012 jidher li kienet giet moghtija il-piena tal-ammenda.

Rat li matul il-kors tal-ezami tieghu skont l-Artikolu 392 u 370(4) tal-Kodici Kriminali l-imputat wiegeb li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat sommarjament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 7 li permezz tieghu iddikjara li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat sommarjament.

Il-Qorti rat li waqt l-istadju tal-ezami tal-imputat, huwa ddikjara li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wara li spjegat u wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u wara li tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jerga' lura minnha l-imputat ghazel li jerga` jtenni l-ammissjoni.

Saret it-trattazzjoni tal-partijiet dwar ic-cirkostanzi kollha serji u kwalifikanti li sawwru dan il-kaz u dwar il-piena li ghandha tigi inflitta.

**Ikkunsidrat : -**

Illi l-Qorti wara li rregistrat din id-decizjoni tal-imputat li jtenni l-ammissjoni tieghu f'dawn l-atti tqis li fid-dawl tal-ammissjoni registrata minnu b`mod inkondizzjonat u fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, l-imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati u b'hekk m`ghandhiex alternattiva ghajr hlief issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti tosserva illi r-reati illi gew addebitati lil Christian Mangion u li gew minnu ammessi huma reati illi b`xorti hazina qieghdin jizdiedu fil-frekwenza taghhom, kif ukoll fil-gravita` taghhom. Il-Qorti trid taghmilha cara li dan l-agir ta` cittadini li permezz tieghu jittentaw jirrizolvu kwistjonijiet mhux bir-raguni izda b'rikors ghall-azzjonijiet

vjolenti, zghar kemm huma zghar, mhux agir illi huwa accettabbli u tollerabbli f`socjeta` li tistqarr li hi civili.

Ghalhekk il-Qorti trid twassal messagg car li dan l-agir ma jistax u m`ghandux jigi tollerat il-ghaliex fl-ahhar mill-ahhar il-Wardens, Ufficjali tal-Pulizija u kull ufficcjal pubbliku iehor li jkun qieghed jaqdi d-dmir tieghu ghandu d-dritt li jaghmel dan minghajr ma jigi mghajjar, insulentat, mhedded jew sahansitra aggredit.

Mill-banda l-ohra l-Qorti trid ukoll izzomm kont tac-cirkostanzi li fihom il-kaz ikun sehh, il-fatti kollha li jkunu sawruh, kundizzjonijiet li jikkwalifikawh jew jirrenduh anqas serju. Inoltre, l-Qorti trid izzomm proporzjon bejn l-azzjoni kriminali maghmula u l-piena li ghandha tigi inflitta f' kull kaz partikolari li jkollha quddiemha. Il-piena qieghda hemm biex tigi mahduma u mgarrba f'kull kaz partikolari skont ic-cirkostanzi li jsawru dak il-kaz.

Il-Qorti tqis li f`dan il-kaz, matul it-trattazzjoni dwar il-piena f'dan il-kaz, il-partijiet qablu li pieni pekunjarji jew pieni alternattivi ghal dik karcerarja ma humiex indikati u ma jkunux qed tirrifletti s-serjeta` ta` dan il-kaz.

Il-Qorti qieset li f'dan il-kaz l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u illi l-prosekuzzjoni irtirat l-addebitu tar-recidiva fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti tqis li l-piena idoneja f`dan il-kaz ghandha tkun wahda karcerarja. Izda tenut kont tan-natura tal-kaz u l-konsegwenzi li tnisslu minnu, l-Qorti sejra tordna li din il-piena ma tigix fis-sehh sakemm l-imputat ma jwettaqx cirkostanzi imsemmija fl-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Fl-ahhar mill-ahhar l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghal piena karcerarja u ghal ebda piena ohra u l-Qorti thoss li f`dan il-kaz hija din il-piena li ghandha tigi nflitta fil-massimu possibbli.

**<u>Decide : -</u>**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 96(a), 221(1), 222(1)(d), 338(ee), 338(dd), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali qed issib lill-imputat Christian Mangion hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta` prigunerija ghal zmien ta` sentejn u tordna li b`applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, din il-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qieghda taghti lill-imputat Christian Mangion l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artiklu 28A(4) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------